

Il-Ġurnal Uffiċjali C 70 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

27 ta' Frar 2015

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2015/C 070 A/01

Regoli Ġenerali li jirregolaw il-Kompetizzjonijiet Miftuħa. 1

MT

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IL-KOMPETIZZJONIJET MIFTUĦA

(2015/C 070 A/01)

Dawn ir-regoli ġenerali huma parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, u flimkien mal-avviż, jiffurmaw il-qafas obbligatorju tal-proċedura tal-kompetizzjoni.

WERREJ

	Paġna
1. INTRODUZZJONI	3
1.1. X'INHĠ KOMPETIZZJONI MIFTUĦA?	3
1.2. LIEMA HU L-PROFIL ĠENERALI MFITTEK?	3
1.3. ELIĠIBBILTÀ	4
2. STADJI FIL-KOMPETIZZJONI	6
2.1. APPLIKAZZJONI	6
2.1.1. Ivverifika li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà	7
2.1.2. Oħloq il-kont tal-EPSO tiegħek	7
2.1.3. Aghmel it-testijiet kampjun interattivi	7
2.1.4. Imla l-applikazzjoni onlajn tiegħek	7
2.1.5. Indika kwalunkwe arranġamenti speċjali meħtieġa biex tagħmel it-testijiet	8
2.1.6. Ikkonferma u vvalida l-applikazzjoni onlajn tiegħek	8
2.1.7. Ippreżenta fajl ta' applikazzjoni komplut	8
2.2. TESTIJET TA' PRESELEZZJONI MULTIPLE-CHOICE IBBAŻATI FUQ IL-KOMPJUTER	9
2.3. VERIFIKA TAL-ELIĠIBBILTÀ (AMMISSJONI)	9
2.4. L-GĦAŻLA BBAŻATA FUQ IL-KWALIFIKI - IT-TALENT SCREENER	10
2.5. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI	11
2.6. KONFERMA TAL-ELIĠIBBILTÀ	11

	Paġna
2.7. KANDIDATI LI JIRNEXXU/LISTA TA' RIŻERVA	12
3. INFORMAZZJONI ĠENERALI	12
3.1. KOMUNIKAZZJONI	12
3.1.1. EPSO: komunikazzjoni mal-kandidati	12
3.1.2. Kandidati: komunikazzjoni mal-EPSO	13
3.1.3. Kandidati: komunikazzjoni mal-bordijiet tal-għażla	13
3.2. PROTEZZJONI TAD-DEJTA	13
3.3. AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI	13
3.3.1. Drittijiet speċifiċi ta' aċċess għall-kandidati	13
3.3.2. Aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Trasparenza	15
3.4. ILMENTI	16
3.4.1. X'għandek tagħmel jekk xi ħaġa tmur ħażin?	16
3.4.2. Newtralizzazzjoni	16
3.4.3. Proċedura ta' reviżjoni interna	17
3.4.4. Forom oħra ta' kontestazzjoni	18
3.5. SKWALIFIKA MILL-KOMPETIZZJONI	19
ANNEX I – Eżempji ta' diplomi li, fil-prinċipju, jikkorrespondu għal dawk mitluba mill-avviżi ta' kompetizzjonijiet	20
ANNEX II – Linji gwida ġenerali tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni dwar l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPSO	29

1. INTRODUEZZJONI

1.1. X'INHĠ KOMPETIZZJONI MIFTUĦA?

L-istituzzjonijiet Ewropej jagħżlu l-uffiċjali futuri ⁽¹⁾ tagħhom permezz ta' kompetizzjonijiet ġenerali, li jinvolvu serje ta' eżamijiet kompetittivi. Dawn il-kompetizzjonijiet huma miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ li jissodisfaw il-kriterji speċifikati. Din il-proċedura toffri lill-kandidati kollha opportunità ġusta li juru l-kapaċitajiet tagħhom u tigarantixxi għażla bbażata fuq il-mertu, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' trattament ugwali.

Il-kandidati li jgħaddu minn kompetizzjoni jtniżzlu f'lista ta' riżerva li minnha l-istituzzjonijiet jieħdu kandidati kif u meta jiġu b'zonnhom. Għalhekk, l-għan tal-kompetizzjoni mhux li timla post vakanti speċifiku, iżda li tiġi f'furmata riżerva għar-reklutaġġ.

Sabiex jintagħżlu l-aħjar kandidati abbażi tal-kundizzjonijiet definiti fl-avviż tal-kompetizzjoni, jinħatar bord tal-għażla ⁽³⁾. Il-bord iqabbel il-prestazzjoni tal-kandidati sabiex jevalwa l-ħila tagħhom biex jissodisfaw il-funzjonijiet deskritti fl-avviż. Il-funzjoni tiegħu mhijiex biss li jevalwa l-kompetenzi u l-kapaċitajiet tagħhom, iżda wkoll li jidentifika lil dawk li huma l-iktar ikkwalifikati abbażi tal-mertu tagħhom.

Il-kompetizzjonijiet huma organizzati f'ċikli annwali għall-profil ġenerali tal-impjeggi, jew wara talba għal profil speċjalizzati sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet.

1.2. LIEMA HU L-PROFIL ĠENERALI MFITTEX?

L-istituzzjonijiet ifittxu kandidati b'talenti, motivati u kkwalifikati ħafna fil-qasam tagħhom, u li jistgħu juru li għandhom dawn il-kompetenzi ġenerali li ġejjin:

Analiżi u Soluzzjoni tal-Problemi	Jidentifikaw il-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi
Komunikazzjoni	Jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub
Kwalità u Riżultati	Jieħdu r-responsabbiltà personali u jieħdu inizjattivi sabiex jipprovdu xogħol ta' kwalità għolja fi proċeduri stabbiliti
Tagħlim u Żvilupp	Jiżviluppaw u jtejbu l-kompetenzi personali tagħhom u l-għarfien tagħhom tal-organizzazzjoni u l-ambjent tagħha
Prijoritizzazzjoni u Organizzazzjoni	Jipprijoritizzaw il-kompiti l-aktar importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw b'mod effiċjenti x-xogħol tagħhom
Reżiljenza	Jibqgħu effettivi f'każ ta' pressjoni għolja ta' xogħol, jegħlbu d-diffikultajiet marbutin mal-organizzazzjoni b'mod pożittiv u jadattaw ruħhom għal ambjent tax-xogħol li jinbidel
Ħidma mal-Oħrajn	Jaħdmu b'kooperazzjoni mal-oħrajn f'timijiet u lil hinn mill-fruntieri tal-organizzazzjoni u jirrispettaw id-differenzi bejn il-persuni
Tmexxija (għall-amministraturi biss)	Imexxu, jiżviluppaw u jimmotivaw lin-nies biex jiksbu r-riżultati

⁽¹⁾ Kull referenza, fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO, għal persuna ta' sess maskil għandha tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' sess femminil.

⁽²⁾ Soġġett għal kwalunkwe eċċezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal, u tal-miżuri speċifiċi adottati għar-reklutaġġ taċ-ċittadini ta' pajjiżi li jissieħbu fl-Unjoni.

⁽³⁾ L-ismijiet tal-membri tal-bord tal-għażla huma ppubblikati fuq il-websajt tal-EPPO (<http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/>).

1.3. ELIĠIBILITÀ

Sabiex ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw f'kompetizzjoni, il-kandidati jridu jilhqqu ċerti kriterji, li huma stabbiliti fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Il-kandidati jridu jikkonfermaw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha ddefiniti fl-avviż tal-kompetizzjoni, u jridu jipprovdu d-dokumenti kollha ta' appoġġ neċessarji ffajl komplut tal-applikazzjoni meta mitluba jagħmlu dan (normalment biss fl-istadju taċ-ċentru tal-evalwazzjoni jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni, ara l-punt 2.1.7 aktar 'l isfel).

Kundizzjonijiet ġenerali

Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà ⁽⁴⁾ huma komuni għall-kompetizzjonijiet kollha. Huma dawn li ġejjin:

Għandek

- (a) tkun tgawdi mid-drittijiet sħaħ bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾;
- (b) tkun tissodisfa kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;
- (c) tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' karattru mitlubin għat-tweqqif tad-dmirijiet involuti fil-kompetizzjoni.

Sabiex tipprova li għandek iċ-**ċittadinanza** meħtieġa, għandek tipprovdi kopja tal-passaport, karta tal-identità jew dokument ieħor tiegħek li jspecifika ċ-ċittadinanza tiegħek, li **jrid ikun validu fid-data tal-għeluq** għall-applikazzjonijiet onlajn.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova biex japprovaw li inti tgawdi d-drittijiet sħaħ tiegħek ta' ċittadin, jew li wettaqt l-obbligi kollha imposti fuqek mil-liġijiet dwar is-servizz militari. Billi tivvalida l-formola ta' applikazzjoni onlajn, inti tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Madankollu, prova formali ta' dan ta' hawn fuq trid normalment tkun ippreżentata qabel ir-reklutaġġ.

Kundizzjonijiet speċifiċi

Il-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali jistgħu jvarjaw minn kompetizzjoni għal oħra skont il-profil meħtieġ, u huma stabbiliti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tipprovdi lill-bord tal-għażla bl-informazzjoni u bid-dokumenti kollha li jeħtieġ biex jivverifika li inti tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet.

- (a) *Diplomi* ⁽⁶⁾ u/jew *ċertifikati li juru t-tmim b'suċċess tal-istudji*. Il-bord tal-għażla jqis id-differenzi bejn is-sistemi edukattivi. Eżempji tal-kwalifiki minimi meħtieġa għal kull kategorija jistgħu jinstabu fl-anness għal dawn ir-regoli ġenerali u fuq il-websajt tal-EPPO, madankollu, l-avviż tal-kompetizzjoni jista' jstabilixxi rekwiżiti aktar stretti. Hu nota: jekk studjajt barra l-UE, id-diploma tiegħek għandha tkun rikonoxxuta minn korp uffiċjali ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE (pereżempju mill-Ministeru tal-Edukazzjoni).

Fil-każ tad-diplomi postsekondarji, inkludi fl-applikazzjoni onlajn tiegħek l-aktar informazzjoni dettaljata possibbli, b'mod partikolari dwar is-suġġetti li studjajt u t-tul ta' żmien li studjajthom, sabiex il-bord tal-għażla jkun jista' jevalwa r-rilevanza tad-diploma tiegħek għad-dmirijiet deskritti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Jekk segwejt taħriġ tekniku jew professjonali, jew attendejt kors ta' aktar taħriġ jew speċjalizzazzjoni, għandek tindika jekk dan kien kors full-time, kors part-time jew kors ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti ttrattati u t-tul ta' żmien tal-kors.

⁽⁴⁾ L-avviżi tal-kompetizzjonijiet ma jistipulawx limitu ta' età, iżda nixtiequ niġbdulek l-attenzjoni dwar l-età ta' rtirar stabbilita mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolamenti tal-Persunal"), li jinsabu fuq il-websajt tal-EPPO.

⁽⁵⁾ Soġġett għal kull eċċezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali, u kull miżura speċifika adottata għar-reklutaġġ taċ-ċittadini ta' pajjiżi li jissieħbu fl-Unjoni. Jekk eċċezzjonijiet jew miżuri speċifiċi japplikaw f'kompetizzjoni partikolari, dawn huma indikati fl-avviż tal-kompetizzjoni.

⁽⁶⁾ Irreferi għall-Annex I (eżempji ta' kwalifiki).

(b) *Esperjenza professjonali (jekk meħtieġa)*. L-esperjenza professjonali tiegħek titqies biss jekk tkun rilevanti għan-natura tal-funzjonijiet deskritti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Bħala regola ġenerali, għandha wkoll:

- tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv,
- tkun bi ħlas,
- tkun tinvolvi relazzjoni ta' subordinazzjoni jew il-forniment ta' servizz.

L-elementi tal-esperjenza professjonali tiegħek li jaqgħu fil-kategoriji li huma mniżżla hawn taħt jittieħdu f'kunsiderazzjoni kif ġej:

- *Ħidma volontarja*: tista' titqies biss ħidma volontarja bi ħlas. Din trid tkun ta' intensità komparabbli (f'termini ta' ħinijiet fil-ġimgħa) u fit-tul bħal impjeg normalni.
- *Apprendistati*: L-apprendistati jingħaddu bħala esperjenza professjonali jekk ikunu b'rimunerazzjoni.
- *Servizz militari obligatorju*: Is-servizz militari obligatorju jittieħed f'kunsiderazzjoni għal perjodu li ma jistax jaqbeż it-tul ta' żmien tas-servizz militari obligatorju skont il-liġi tal-Istat Membru li tiegħu inti ċittadin. Is-servizz militari jista' jsir qabel jew wara l-kisba tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni.
- *Liv tal-maternità/paternità/tal-adozzjoni*: Il-liv tal-maternità/paternità/adozzjoni jittieħed f'kunsiderazzjoni jekk ikun inkluż f'kuntratt ta' xogħol. Jekk l-avveniment (twelid jew adoxxjoni) iseħħ waqt li inti tkun qed tfittex xogħol, il-liv ma jittihdx f'kunsiderazzjoni bħala esperjenza professjonali.
- *Dottorat*: Id-dottorati kollha, anki dawk mhux b'rimunerazzjoni, jitqiesu bħala esperjenza professjonali sa massimu ta' tliet snin, bil-kundizzjoni li d-dottorat ikun effettivament inkiseb.
- *Xogħol part-time*: Ix-xogħol part-time jiġi kkalkulat *pro rata* skont in-numru ta' sigħat maħduma. Pereżempju, jekk inti ħdimt sitt xhur part-time, l-esperjenza tiegħek titqies bħala li hi waħda ta' tliet xhur.

Ta' min jinnota li jekk l-avviż tal-kompetizzjoni jirrikjedi esperjenza professjonali fil-qasam tal-kompetizzjoni, kull element tal-esperjenza professjonali tiegħek li jaqa' fil-kategoriji elenkati hawn fuq jitqies biss jekk huwa rilevanti għal dak il-qasam.

Huwa importanti li fil-formola ta' applikazzjoni tiegħek tispeċifika n-natura tad-dmirijiet li wettaqt fl-akbar dettall possibbli sabiex il-bord tal-għażla jkun jista' jivvaluta r-relevanza tal-esperjenza tiegħek għad-dmirijiet li għalihom inti qed tapplika. Il-perjodi kollha ta' attivitajiet professjonali kkonċernati għandhom ikunu koperti mid-dokumenti ta' prova li ġejjin:

- referenzi minn impjegaturi fil-passat kif ukoll mill-impjegatur attwali li juru li għandek l-esperjenza professjonali meħtieġa għad-dħul għall-kompetizzjoni; ir-referenzi għandhom isemmu n-natura u l-livell tad-dmirijiet imwettqa, id-data tal-bidu u tat-tmiem tagħhom,
- jekk ma tistax tehmeż referenzi, għandek tippovdi fotokopji tal-kuntratt(i) tax-xogħol flimkien mal-ewwel u l-aħħar irċevuta tal-paga, u dawn iridu jkunu akkumpanjati wkoll minn deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet imwettqa,
- fil-każ ta' xogħol mingħajr paga fissa (impjeg għal rasek jew professjoni), jistgħu jiġu aċċettati bħala provi xi fatturi jew formoli ta' ordnijiet li jiddeskrivu x-xogħol imwettaq jew kwalunkwe dokumenti uffiċjali ta' prova oħra rilevanti,
- fil-każ tal-kompetizzjonijiet għall-interpreti tal-konferenzi, fejn l-esperjenza professjonali hija meħtieġa, jiġu kkunsidrati biss id-dokumenti li jippruvaw li l-esperjenza tirrigwarda speċifikament l-interpretazzjoni ta' konferenzi u li jindikaw b'mod ċar in-numru ta' ġranet kif ukoll il-lingwi tal-interpretazzjoni.

Għarfien tal-lingwi

Skont il-kompetizzjoni, tkun mitlub li turi l-għarfien tiegħek tal-lingwi uffiċjali tal-UE ⁽⁷⁾. Bħala regola ġenerali, tkun teħtieġ għarfien sħiħ (livell C1 tas-CEFR ⁽⁸⁾) ta' lingwa uffiċjali waħda tal-UE u għarfien sodisfaċenti (livell B2 tas-CEFR) ta' lingwa oħra iżda, madankollu, l-avviż tal-kompetizzjoni jista' jimponi rekwiżiti aktar stretti (dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għall-profil tal-lingwisti). Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni, l-għażla tat-tieni lingwa normalment tkun limitata għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż ⁽⁹⁾.

Meta jorganizza kompetizzjonijiet miftuħa, l-EPSCO japplika l-“Linji Gwida dwar l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPSCO” ⁽¹⁰⁾ adottati mill-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni fil-15 ta' Mejju 2013.

Għal ħafna żmien ilha l-prassi li jintużaw l-aktar l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż għall-komunikazzjoni interna fl-istituzzjonijiet tal-UE u dawn huma wkoll il-lingwi użati l-aktar ta' spiss fil-komunikazzjoni mad-dinja esterna u meta jiġu trattati każijiet.

L-għażliet tat-tieni lingwa għall-kompetizzjonijiet ġew definiti fl-interess tas-servizz, li jitlob li rekluti ġodda jkunu jistgħu jiffunzjonaw minnufih u jkunu kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv fix-xogħol ta' kuljum tagħhom. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tħaddim effettiv tal-istituzzjonijiet ikun affettwat ħażin ħafna.

Biex jiġi żgurat trattament ugwali tal-kandidati kollha, kulħadd – inklużi dawk li l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom hija waħda minn dawn it-tlieta – huwa meħtieġ li jagħmel it-test fit-tieni lingwa tiegħu, magħżula minn fost dawn it-tliet lingwi. Il-valutazzjoni tal-kompetenzi speċifiċi b'dan il-mod tippermetti lill-istituzzjonijiet jevalwaw il-ħila tal-kandidati sabiex ikunu jistgħu jaħdmu minnufih f'ambjent simili għal dak li se jsibu fl-impjieg. Xejn minn dan ma jaffettwa l-possibiltà ta' taħriġ fil-lingwi aktar tard sabiex il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jaħdmu fit-tielet lingwa, kif mitlub mill-Artikolu 45 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova sabiex tipprova l-għarfien tiegħek tal-lingwi, minbarra għal ċerti kompetizzjonijiet għal lingwisti. F'dawk il-każijiet, l-avviż tal-kompetizzjoni jiddikjara li trid tipprovdi evidenza tal-għarfien tiegħek tal-lingwi meħtieġa fil-forma ta' diploma jew nota bil-miktub li tispjega kif ksibt l-għarfien ta' dawn il-lingwi.

2. STADJI FIL-KOMPETIZZJONI

2.1 APPLIKAZZJONI

1. Iverifika bir-reqqa li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-kompetizzjoni.
2. Oħloq il-kont EPSO tiegħek jekk għadek ma għamiltx dan.
3. Aghmel it-testijiet kampjun interattivi.
4. Imla l-applikazzjoni onlajn tiegħek.
5. Indika kull arranġament speċjali meħtieġ biex tagħmel it-testijiet
6. Ivalida u ssottometti l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku sal-iskadenza indikata.
7. Ippreżenta l-fajl tal-applikazzjoni komplut.

⁽⁷⁾ http://ec.europa.eu/languages/policy/linguistic-diversity/official-languages-eu_en.htm

⁽⁸⁾ Il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi
(<http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/hornav/Downloads/CEF/LanguageSelfAssessmentGrid.csp>)

⁽⁹⁾ Wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja) fil-Kawża C-566/10 P, l-Italja v il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jiddikjaraw ir-raġunijiet għalfejn jillimitaw l-għażla tat-tieni lingwa għal numru żgħir ta' lingwi uffiċjali tal-UE.

⁽¹⁰⁾ Irreferi għall-Anness II għat-test tal-Linji Gwida Ġenerali.

2.1.1. Ivverifika li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà

Qabel tapplika, ivverifika bir-reqqa li:

- inti tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi; dan ifisser li għandek taqra l-avviż tal-kompetizzjoni u dawn ir-regoli ġenerali bir-reqqa u taċċetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fihom,
- għamilt l-għażla korretta tal-qasam u l-profil; għal xi kompetizzjonijiet ippubblikati fl-istess ħin, inti tista' tapplika biss għal qasam jew profil wieħed, u dan ikun indikat b'mod ċar fl-avviż tal-kompetizzjoni.

L-informazzjoni fir-rigward tal-eliġibbiltà tiegħek mogħtija fl-applikazzjoni onlajn tiġi vverifikata, abbażi tad-dokumenti ġustifikattivi fil-fajl tiegħek komplut qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara l-punt 2.1.7 u t-Taqsima 2.6 hawn taħt).

2.1.2. Oħloq il-kont tal-EPPO tiegħek

Il-kont EPPO jservi bħala interface elettroniku bejnek u l-EPPO. Huwa fih li tirċievi l-komunikazzjonijiet mill-EPPO u fejn tista' ssegwi l-applikazzjonijiet tiegħek. Huwa wkoll hawn li tiġi maħżuna d-dejta personali tiegħek, u fejn tista' titlob li din tiġi aġġornata ⁽¹¹⁾.

Jekk għad ma għandekx kont, tista' toħloq wieħed billi ssegwi l-istruzzjonijiet fil-websajt tal-EPPO ⁽¹²⁾. Biex tagħmel dan, għandu jkollok indirizz tal-posta elektronika validu u attiv.

Tista' toħloq **kont tal-EPPO wieħed** biss, li jibqa' validu għall-applikazzjonijiet kollha futuri. Tista' tiġi skwalifikat fi kwalunkwe fażi tal-proċedura jekk l-EPPO jiskopri li inti ħloqt aktar minn kont wieħed (ara wkoll it-Taqsima 3.5 aktar 'l isfel).

2.1.3. Aghmel it-testijiet kampjun interattivi.

Skont il-kompetizzjoni li tapplika għaliha, tista' tintalab li tagħmel xi testijiet interattivi obbligatorji pprovduti bħala eżempji. Dawn it-testijiet għandhom jagħtuk idea tal-livell meħtieġ għat-testijiet ta' preselezzjoni għal din il-kompetizzjoni.

2.1.4. Imla l-applikazzjoni onlajn tiegħek

Għandek tapplika permezz tal-websajt tal-EPPO, filwaqt li ssegwi l-istruzzjonijiet fil-manwal elettroniku tal-applikazzjoni ⁽¹³⁾.

Jekk jogħġbok innota li l-proċedura tal-applikazzjoni nnifisha tista' tieħu ċertu ammont ta' ħin minħabba l-ammont ta' informazzjoni li trid iddaħħal. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek qabel l-iskadenza mogħtija fl-avviż tal-applikazzjoni.

Skont il-kompetizzjoni, inti tintalab tinkludi l-informazzjoni rilevanti ⁽¹⁴⁾ dwar:

- id-diplomi/il-kwalifiki tiegħek,
- l-esperjenza professjonali tiegħek (jekk din tkun meħtieġa),
- il-motivazzjoni tiegħek biex tapplika,
- l-għarfien tiegħek tal-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Fil-każ ta' kompetizzjonijiet ta' speċjalisti jista' jkun ukoll li jkollok tirrispondi serje ta' mistoqsijiet dwar l-esperjenza u l-kwalifiki rigward il-qasam tal-kompetizzjoni (ara t-Taqsima 2.4 "Għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki – it-talent screener").

Il-partijiet kollha tal-formola ta' aplikazzjoni onlajn, inkluż it-"talent screener", iridu jimtlew bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni. In-nuqqas li tosserva dan l-obbligu jista' jwassel għall-esklużjoni tiegħek mill-kompetizzjoni.

⁽¹¹⁾ F'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta:
https://europa.eu/epso/application/passport/index.cfm?action=pdplegal&sb=1&comp_id=

⁽¹²⁾ www.eu-careers.eu

⁽¹³⁾ http://europa.eu/epso/doc/epso_brochure_en.pdf

⁽¹⁴⁾ Irreferi għall-anness għal aktar informazzjoni dwar l-eliġibbiltà u d-dokumenti ta' prova.

2.1.5. Indika kwalunkwe arranġamenti speċjali meħtieġa biex tagħmel it-testijiet

Jekk għandek diżabilità jew kundizzjoni li tista' titlob arranġamenti speċjali sabiex isiru t-testijiet, imla l-informazzjoni rilevanti fuq il-formola ta' applikazzjoni onlajn.

Inti meħtieġ li tibgħat jew ċertifikat mediku jew ċertifikat maħruġ minn entità rikonoxxuta li jipprova d-diżabilità tiegħek mill-aktar fis possibbli wara li tivvalida l-applikazzjoni onlajn tiegħek, b'wieħed minn dawn il-modi:

— jew bil-posta elettronika lil: EPSO-accessibility@ec.europa.eu

— jew bil-faks f'dan in-numru: **+32 22998081**

— jew bil-posta fl-indirizz li ġej: European Personnel Selection Office (EPSO), C-25, 1049 Brussels, Belgium

Immarka din il-korrispondenza b'mod ċar bil-kliem **"EPSO accessibility,"** fejn tikkwota **ismek, in-numru tal-kompetizzjoni u n-numru tal-applikazzjoni tiegħek.**

Id-dokumenti ta' prova tiegħek jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ u fejn ikun ġustifikat, fid-dawl kemm tal-evidenza ppreżentata kif ukoll tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-kandidati, jistgħu jiġu offruti arranġamenti speċjali mill-EPSO fil-limiti ta' dak li jiġi meqjus bħala raġonevoli.

Jekk diżabilità jew kundizzjoni tiżviluppa wara l-iskadenza għall-applikazzjonijiet onlajn, trid tinforma lill-EPSO malajr kemm jista' jkun dwar l-arranġamenti li tqis li huma meħtieġa u tibgħat id-dokumenti ta' prova rilevanti permezz tal-posta elettronika, fax jew bil-posta lill-EPSO bl-użu tad-dettalji indikati aktar 'il fuq.

2.1.6. Ikkonferma u vvalida l-applikazzjoni onlajn tiegħek

Wara li timla l-formola tal-applikazzjoni onlajn tiegħek, trid tissottomettiha billi tikklikkja fuq il-buttuna "validate application" sabiex din tiġi kkunsidrata u pproċessata mill-EPSO.

Meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tkun qed tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ta' eliġibbiltà speċifikati fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Ta' min jinnota li l-EPSO ma jstax jaċċetta applikazzjonijiet minn kandidati li jonqsu li jivvalidaw l-applikazzjoni tagħhom qabel l-iskadenza.

Meta tivvalida l-applikazzjoni ma tkun tista' tagħmel l-ebda bidliet oħra; id-dejta pprovduta tiġi pproċessata immedjatament mill-EPSO bl-għan li jorganizza l-kompetizzjoni.

Il-kundizzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà, kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi, jridu jkunu ssodisfati fid-data/i stabbilita/i fl-avviż tal-kompetizzjoni.

2.1.7. Ippreżenta fajl ta' applikazzjoni komplut.

Fajl tal-applikazzjoni komplut huwa fajl li jinkludi kopja tal-applikazzjoni tiegħek kif ukoll id-dokumenti ta' prova kollha meħtieġa.

Jekk mhuwiex speċifikat fl-avviż tal-kompetizzjoni li l-fajl għandu jintbagħat simultanjament mal-applikazzjoni onlajn, il-kandidati mistiedna għall-fażi tal-evalwazzjoni biss jiġu mitluba jgħibu magħhom il-fajl tal-applikazzjoni komplut tagħhom fil-jum taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

Meta nitolbuk tipprovdi l-fajl komplut tal-applikazzjoni tiegħek, l-ittra tagħna tindika liema tip ta' dokumenti ta' prova trid teħmeż (pereżempju fotokopji mhux iċċertifikati jew oriġinali tad-dokumenti meħtieġa).

L-EPPO ma jirritornax dokumenti u, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta, wara l-iskadenza tal-perjodu taż-żamma applikabbli, il-fajls jiġu meqruda.

Jekk titqiegħed fil-lista ta' riżerva u tiġi offrut pożizzjoni, ikollok tipproduċi l-oriġinali tad-dokumenti kollha għaċ-ċertifikazzjoni qabel tkun tista' tiġi rreklutat.

Referenzi għal websajts, paġni tal-web ipprintjati, jew referenzi għal applikazzjonijiet jew dokumenti preċedenti ma jikkostitwixxux dokumenti ta' prova validi.

Meta tkun mitlub tippreżenta l-applikazzjoni sħiħa tiegħek, għandek:

- (1) Tipprintja l-formola tal-applikazzjoni onlajn ivalidata tiegħek mill-kont tal-EPPO tiegħek.
- (2) Tinnumera u tehmeż id-dokumenti ta' prova kollha meħtieġa u tinkludi indiċi nnumerat tagħhom ⁽¹⁵⁾.

2.2. TESTIJET TA' PRESELEZZJONI MULTIPLE CHOICE IBBAŻATI FUQ IL-KOMPJUTER

Għall-biċċa l-kbira tal-kompetizzjonijiet, l-EPPO jorganizza testijiet multiple-choice ta' preselezzjoni bbażati fuq il-kompjuter. Il-bord tal-għażla jiddetermina l-livell ta' diffikultà ta' dawn it-testijiet u japprova s-suġġett tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO. It-testijiet jiġu mmarkati bil-kompjuter.

F'ċerti kompetizzjonijiet (b'mod partikolari dawk għal profili speċjalizzati, li jinkludu għażla bbażata fuq il-kwalifiki) testijiet ta' preselezzjoni fuq il-kompjuter jiġu organizzati biss jekk in-numru ta' kandidati li applikaw għall-kompetizzjoni jkun ogħla minn ċertu limitu. Dan il-limitu jkun determinat mid-Direttur tal-EPPO, fil-kwalità tiegħu bħala awtorità tal-ħatra, wara l-iskadenza għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet, u jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPPO. F'kompetizzjonijiet li jinkludu diversi oqsma, dan il-limitu jista' jvarja minn qasam għall-ieħor.

Skont il-kompetizzjoni li tkun applikajt għaliha, it-testijiet ta' preselezzjoni jistgħu jinkludu dawn l-elementi li ġejjin:

- test tar-raġunament verbali: sabiex jivvaluta l-abbiltà tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem l-informazzjoni verbali,
- test tar-raġunament numeriku: sabiex jivvaluta l-abbiltà tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem l-informazzjoni numerika,
- eżami tar-raġunament astratt: sabiex jivvaluta l-abbiltà tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem ir-relazzjonijiet bejn il-kunċetti li ma jinvolvu l-ebda elementi lingwistiċi, spazjali jew numeriki,
- test ta' valutazzjoni sitwazzjonali: sabiex jivvaluta l-komportament tipiku tiegħek f'kuntest tax-xogħol:
- test(ijiet) tal-ħiliet lingwistiċi,
- test(ijiet) ta' kompetenzi professjonali speċifiċi.

Sabiex tagħmel it-testijiet ta' preselezzjoni bbażati fuq il-kompjuter, trid tibbukkja appuntament għat-test. Tirċievi struzzjonijiet dwar kif tibbukkja t-testijiet tiegħek permezz tal-kont tal-EPPO tiegħek, inkluża l-indikazzjoni tal-perjodu ta' żmien li fih inti tista' tibbukkja, u tutorial dwar il-proċess ta' kif tibbukkja.

Normalment, tiġi offrut diversi dati possibbli u lista ta' ċentri differenti li fihom inti tista' tagħmel it-testijiet. **Innota li l-perjodu li fih inti tista' tibbukkja u tagħmel it-testijiet tiegħek huwa limitat. Jekk tonqos milli tibbukkja appuntament għat-test fil-perjodu indikat, tiġi awtomatikament skwalifikat mill-kompetizzjoni.**

2.3. VERIFIKA TAL-ELIĠIBBILTÀ (AMMISSJONI)

L-EPPO jivverifika jekk l-applikazzjoni tiegħek hijiex ammissibbli, jiġifieri jekk ġietx ippreżentata qabel l-iskadenza u skont il-kundizzjonijiet definiti fl-avviż tal-kompetizzjoni.

⁽¹⁵⁾ Ara l-Anness għal aktar informazzjoni ġenerali dwar id-dokumenti ta' prova.

Jekk l-applikazzjoni tiegħek tkun ammissibbli, l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni onlajn tiegħek tiġi ċċekkjata għall-konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tal-eliġibbiltà⁽¹⁶⁾, kif speċifikat fl-avviż tal-kompetizzjoni. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata fi stadju aktar tard mad-dokumenti ta' prova ipprovduti (sakemm l-avviż tal-kompetizzjoni ma jipprevedi kontrolli tad-dokumenti fi stadju aktar bikri, ara l-punt 2.1.7). Jekk jogħġbok innota, madankollu, li l-Bord tal-Għażla għandu d-dritt li jitlob informazzjoni jew dokumenti addizzjonali f'kull stadju tal-proċedura⁽¹⁷⁾ – b'hekk, anki qabel l-istadju fejn l-avviż tal-kompetizzjoni jipprevedi verifika tad-dokumenti ta' prova.

Jiġu kkunsidrati biss l-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-avviż tal-kompetizzjoni.

Jekk il-kompetizzjoni tinkludi testijiet ta' preselezzjoni multiple choice fuq il-kompjuter (ara t-Taqsima 2.2 hawn fuq), il-verifika ta' eliġibbiltà sseħħ wara li jsiru dawk it-testijiet. Ir-rispett tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi huwa kkontrollat f'ordni dixxendenti tal-punti miksuba fit-testijiet ta' preselezzjoni, sakemm in-numru ta' kandidati li

— kisbu kemm il-minimu meħtieġ kif ukoll l-aħjar marki fit-testijiet,

kif ukoll

— li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà

jilħaq l-għadd li jistgħu jiġu mistiedna għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni. (Dan in-numru huwa jew definit direttament fl-avviż ta' kompetizzjoni, jew – f'każijiet fejn l-eżaminijiet ta' preselezzjoni huma organizzati biss jekk l-għadd ta' talbiet jaqbeż ċertu limitu – jikkorrispondi mal-limitu li jiskatta l-organizzazzjoni ta' dawk it-testijiet, iddefinit mid-direttur tal-EPSCO skont it-taqsima 2.2.)

F'każ li, diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħjar post disponibbli, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni. L-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu ma jiġux eżaminati.

In-numru finali ta' kandidati mistiedna għall-fażi li jmiss jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-EPSCO.

2.4. L-GĦAŻLA BBAŻATA FUQ IL-KWALIFIKI – IT-TALENT SCREENER

Għall-biċċa l-kbira tal-profilu speċjalisti, il-kandidati jridu jgħaddu minn fażi msejħa “għażla bbażata fuq il-kwalifiki”. F'din il-fażi, il-bord tal-għażla jevalwa l-applikazzjonijiet tal-kandidati u jagħżel dawk li l-kwalifiki tagħhom (b'mod partikolari d-diplomi u l-esperjenza professjonali) l-aktar joqorbu lejn id-dmirijiet u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Jekk int kandidat f'kompetizzjoni ta' dan it-tip, trid twieġeb serje ta' mistoqsijiet fit-taqsima “talent screener” tal-formola ta' applikazzjoni onlajn. Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq il-kriterji tal-għażla mogħtija fl-avviż tal-kompetizzjoni u t-tweġibiet tiegħek huma evalwati mill-bord tal-għażla. Il-kandidati kollha f'kompetizzjoni jwieġbu l-istess sett ta' mistoqsijiet. B'dan il-mod, il-bord tal-għażla jiġi ppreżentat bit-tweġibiet tal-kandidati kollha fl-istess qafas strutturat u dan jgħin lill-bord sabiex iwettaq evalwazzjoni oġġettiva bir-reqqa tal-merti komparattivi tal-kandidati kollha.

L-“għażla abbażi tal-kwalifiki” ssir wara li titlesta l-verifika tal-eliġibbiltà fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet onlajn. Il-bord tal-għażla jivvaluta biss il-kwalifiki ta' dawk il-kandidati li nstabu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà.

L-għażla ssir **biss** fuq il-bażi tat-tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi fit-tab “talent screener” tal-formola tal-applikazzjoni onlajn.

Il-bord tal-għażla l-ewwel jiddeċiedi dwar il-piżijiet li jagħti (minn 1 sa 3) għal kull mistoqsija tat-talent screener, skont l-importanza marbuta mal-kriterju. Imbagħad, il-bord tal-għażla jeżamina l-kontenut tat-tweġibiet tal-kandidati għall-mistoqsijiet u jagħti minn 0 sa 4 punti għal kull tweġiba. Dawn il-punti mbagħad jiġu mmultiplikati skont il-piż li jingħata lil kull mistoqsija u jingħaddu.

⁽¹⁶⁾ Il-konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà tkun ivverifikata mill-EPSCO, filwaqt li l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà tkun ivverifikata mill-bord tal-għażla tal-kompetizzjoni.

⁽¹⁷⁾ Fuq il-bażi tal-Artikolu 2 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dawk il-kandidati li jkunu kisbu l-aħjar marki jgħaddu għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni (l-avviż tal-kompetizzjoni jispeċifika n-numru ta' kandidati li jistgħu jkunu ammessi; fejn diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħjar post, dawn jiġu mistiedna kollha).

In-numru finali ta' kandidati li jgħaddu għall-fażi li jmiss jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-EPPO.

2.5. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI

Il-kandidati li jirnexxu fit-testijiet ta' preselezzjoni multiple choice ibbażati fuq il-kompjuter u/jew fl-għażla abbażi tal-kwalifiki, u li l-formoli ta' applikazzjoni onlajn tagħhom juru li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ta' eliġibbiltà kollha tal-kompetizzjoni tagħhom, jiġu mistiedna għal ċentru ta' evalwazzjoni.

Iċ-ċentru ta' evalwazzjoni normalment isir fi Brussell jew il-Lussemburgu, u jista' jsir matul jum wieħed jew aktar. Ċerti eżerċizzji, minkejja li huma parti mill-mudell taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, jistgħu jkunu organizzati fuq kompjuter fi bliet oħra. F'dan il-każ, il-proċedura għall-arranġamenti prattiċi (ir-riżervazzjoni ta' data u ta' ċentru) jkunu simili għall-proċedura msemmija fit-Taqsima 2.2.

Fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni, jiġu vvalutati l-kompetenzi ġenerali tal-kandidati (ara t-Taqsima 1.2) u l-kompetenzi speċifiċi tagħhom (relatati mad-dmirijiet ikkonċernati).

Il-kontenut taċ-ċentru ta' evalwazzjoni huwa vvalidat mill-bord tal-għażla tal-kompetizzjoni. Skont il-kompetizzjoni, dawn it-testijiet jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

- **studju ta' każ partikolari:** eżami bil-miktub abbażi ta' xenarju rilevanti, li fih tiffaċċja diversi problemi li tintalab issolvihom jew li inti għandek tirreaġixxi għalihom, billi tibbaża biss fuq il-materjal ipprovdut;
- **preżentazzjoni orali:** eżami individwali ta' analiżi u ta' preżentazzjoni li fih tiġi mitlub tħejji propożta dwar problema immaġinarja marbuta ma' sitwazzjoni professjonali. Wara analiżi tad-dokumentazzjoni li tingħatalek, inti tippreżenta l-ideat tiegħek lil grupp żgħir ta' nies,
- **intervista/i bbażata/i fuq il-kompetenzi:** eżerċizzju individwali mmirat biex jiġbor, b'mod strutturat, informazzjoni rilevanti dwar il-kompetenzi ġenerali tiegħek (u/jew kompetenzi speċifiċi fil-qasam ta' kompetizzjonijiet speċjalizzati) fuq il-bażi tal-esperjenza tiegħek fil-passat,
- **eżerċizzju fi grupp:** wara li tassorbi ċertu ammont ta' informazzjoni waħdek, inti titqiegħed fi grupp ma' numru ta' parteċipanti oħra biex tiddiskuti magħhom ir-riżultati tiegħek u taslu għal deċiżjoni kollettiva,
- **e-tray:** test ibbażat fuq il-kompjuter li fih inti tintalab twieġeb serje ta' mistoqsijiet bl-użu tad-dokumentazzjoni pprovduta f'inbox tal-posta elettronika,
- **eżamijiet prattiċi fil-lingwa,**
- **eżerċizzji oħra dwar kompetenzi speċifiċi,**
- **testijiet verbali, numeriċi, tar-raġunament astratt u tal-valutazzjoni sitwazzjonali** (jekk dawn it-testijiet ma jkunux saru qabel fil-kompetizzjoni fl-istadju tat-testijiet ta' preselezzjoni).

It-testijiet użati f'kull kompetizzjoni individwali huma indikati fl-avviż tal-kompetizzjoni. Spjegazzjoni dettaljata ta' dawn it-testijiet se tingħata wkoll fil-"Manwal taċ-Ċentru ta' Evalwazzjoni" li l-kandidati jirċievu meta jiġu mistiedna biex jipparteċipaw f'dan l-istadju tal-kompetizzjoni.

2.6. KONFERMA TAL-ELIĠIBBILTÀ

Għal dawk il-kandidati li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ fit-testijiet taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, il-bord tal-għażla jwettaq verifika tad-dokumenti ta' prova (ħliet f'każijiet fejn, skont l-avviż tal-kompetizzjoni, il-verifika tad-dokumenti ta' prova ssir fi stadju aktar bikri tal-kompetizzjoni).

Din il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, ibbażata fuq il-punteġġ totali tal-kandidati, u dan ikompli sakemm in-numru ta' kandidati li effettivament ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà jilħaq l-għadd li jistgħu jiddaħħlu fil-lista ta' riżerva.

Il-fajls tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu ma jiġux eżaminati. Jekk matul din il-verifika jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet li tkun għamilt fl-applikazzjoni elettronika tiegħek ma jkunux ippruvati bid-dokumenti ta' prova rilevanti, tiġi eskluż mill-kompetizzjoni.

Għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki, id-dokumenti ta' prova se jkunu kkunsidrati biss biex jikkonfermaw l-informazzjoni diġà mogħtija fis-sezzjoni "evalwazzjoni tal-kapaċitajiet" ("talent screener").

2.7. KANDIDATI LI JIRNEXXU/LISTA TA' RIŻERVA

Il-bord tal-ġhażla jfassa "lista ta' riżerva" li jkun fiha l-ismijiet ta' daww il-kandidati li jkunu marru l-aħjar u li jkunu kisbu l-ogħla marki, u li d-dokumenti ta' prova tagħhom jikkonfermaw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà, kif speċifikat fl-avviż tal-kompetizzjoni. In-numru ta' postijiet fuq il-lista ta' riżerva huwa definit fl-avviż tal-kompetizzjoni. Fejn diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħjar post disponibbli, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista ta' riżerva.

Il-lista mbagħad tintbagħat lill-istituzzjonijiet tal-UE li huma responsabbli għar-reklutaġġ tal-kandidati li jirnexxu mil-lista. **Li tiġi inkluż f'lista ta' riżerva ma jfissirx li għandek xi dritt jew garanzija ta' reklutaġġ.**

Il-lista ta' riżerva, kif ukoll id-data tal-iskadenza tagħha jiġu ppubblikati ⁽¹⁸⁾ f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fil-websajt tal-EPPO. F'ċerti każi, il-validità ta' din il-lista tista' tiġi estiża. Id-deċizzjoni dwar l-estensjoni ta' lista tiġi ppubblikata biss fuq il-websajt tal-EPPO.

Il-kandidati li jkunu għamli t-testijiet taċ-ċentru ta' evalwazzjoni ⁽¹⁹⁾ jingħataw dokument magħruf bħala "passaport tal-kompetenza", li jipprovdi informazzjoni kemm kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva dwar kif ikunu marru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

Il-passaporti ta' kompetenza tal-kandidati li jirnexxu jitpoġġew ukoll għad-dispożizzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-UE, li jistgħu jużawhom matul il-proċedura tar-reklutaġġ u għall-finijiet tal-iżvilupp tal-karriera. Jekk tkun fost il-kandidati li jirnexxu, l-EPPO jipprovdi ukoll materjal ta' informazzjoni addizzjonali utli.

3. INFORMAZZJONI ĠENERALI

3.1. KOMUNIKAZZJONI

3.1.1. EPPO: Komunikazzjoni mal-kandidati

Ir-riżultati u l-konvoċazzjonijiet tiegħek kollha jiġu kkomunikati lilek biss permezz tal-kont EPPO tiegħek **bl-Ingliż, bil-Franċiż, jew bil-Ġermaniż.**

Inti meħtieġ li tikkonsulta l-kont tal-EPPO tiegħek f'intervalli regolari – **mill-anqas darbtejn fil-ġimgħa** – sabiex iżżomm kont tal-progress tal-kompetizzjoni u tiċċekkja l-informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni tiegħek.

Jekk ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba problema teknika li hija dovuta għall-EPPO, għandek tinnotifika lill-EPPO immedjatament.

— permezz tal-formola ta' kuntatt onlajn ⁽²⁰⁾,

jew

— bit-telefown fuq + 32 22993131 ⁽²¹⁾.

Tista' tikkonsulta informazzjoni ġenerali dwar l-istadji suċċessivi tal-kompetizzjonijiet fuq il-paġna rilevanti tal-kompetizzjoni fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.info).

⁽¹⁸⁾ Kandidati li jkunu temmew il-kompetizzjoni b'suċċess jistgħu jitolbu espliċitament li isimhom ma jiġix ippubblikat. Din it-talba għandha tasal għand l-EPPO sa mhux iktar tard minn ġimgħatejn wara d-data li fiha jkunu ttellgħu l-marki fil-profil tal-EPPO tiegħek.

⁽¹⁹⁾ Minbarra daww li jonqsu li jtemmu wieħed jew aktar mit-testijiet, jew li jiġu esklużi mill-kompetizzjoni minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli proċedurali (ara t-Taqsima 3.5 aktar 'l isfel).

⁽²⁰⁾ <https://europa.eu/epso/application/passport/webform.cfm?usertype=2&lang=en&langsub=ok>

⁽²¹⁾ Sabiex nagħtuk l-aħjar servizz, aħna ninkoraġġixxu bil-qawwi li inti tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek permezz tal-formoli web fuq il-websajt tagħna. Inti tista' tuża n-numru tat-telefon f'każijiet ta' urġenza, madankollu tajjeb li tinnota li din il-linja hija aċċessibbli biss għal perjodu limitat f'kull jum tax-xogħol.

3.1.2. Kandidati: komunikazzjoni mal-EP SO

Qabel ma tikkuntattja lill-EP SO l-ewwel iċċekkja li tkun qrajt bir-reqqa l-informazzjoni kollha fl-avviż tal-kompetizzjoni, f'dawn ir-regoli ġenerali, u fil-websajt tal-EP SO inklużi l-“Mistoqsijiet Frekwenti”⁽²²⁾.

Id-dettalji ta' kuntatt jinstabu fuq il-websajt⁽²³⁾. Fil-korrispondenza kollha dwar applikazzjoni, il-kandidati jridu jikkwotaw **isimhom** kif mogħti fl-applikazzjoni tagħhom, in-**numru tal-kompetizzjoni** u n-numru tal-**applikazzjoni tagħhom**.

L-EP SO jagħti attenzjoni kbira sabiex japplika l-prinċipji tal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba⁽²⁴⁾. Madankollu, skont dawn l-istess prinċipji, l-EP SO jirriżerva d-dritt li jwaqqaf kull korrispondenza jekk dik li tasallu mingħand il-kandidati tkun repetittiva, abbużiva, u/jew irrilevanti.

3.1.3. Kandidati: komunikazzjoni mal-bordijiet tal-għażla

Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-bord tal-għażla, huwa strettament ipprobit għal kwalunkwe persuna barra mill-bord li tipprowa tagħmel kuntatt ma' wieħed mill-membri tiegħu. L-unika eċċezzjoni hija li l-kandidati jistgħu jindirizzaw bil-miktub lill-president tal-bord tal-għażla permezz tal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal sabiex jesprimu l-fehma tagħhom jew biex jafferma id-drittijiet tagħhom. Kull korrispondenza għall-attenzjoni ta' bord tal-għażla trid tiġi indirizzata esklussivament lill-EP SO, li mbagħad jgħaddiha lill-bord. L-interventi kollha diretti jew indiretti tal-kandidati li jsiru mingħajr ma jiġu segwiti l-proċeduri hawn fuq imsemmija huma pprobiti u jistgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-kompetizzjoni.

3.2. PROTEZZJONI TAD-DEJTA

Bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, l-EP SO jiżgura li d-dejta personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif mitlub mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁵⁾ dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. Dan japplika b'mod partikolari għall-garanzija tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà ta' din id-dejta.

Aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni tista' tinstab fit-taqsimha tal-protezzjoni tad-dejta tal-websajt tal-EP SO (dikjarazzjoni tal-privatezza)⁽²⁶⁾.

Id-dejta miġbura fil-qafas ta' testijiet tista' tintuża, f'forma anonima, għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.

3.3. AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI

3.3.1. Drittijiet speċifiċi ta' aċċess għall-kandidati

Bħala kandidat involut f'kompetizzjoni miftuħa, għandek drittijiet ta' aċċess speċifiċi, li jirriżultaw mill-istatus tiegħek ta' kandidat, għal ċerti dokumenti u informazzjoni tal-kompetizzjoni li jirrigwardaw lilek direttament u individwalment, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsimha.

Dawn id-drittijiet ta' aċċess speċifiċi huma mogħtija fid-dawl tal-obbligu li jiġu ddikjarati raġunijiet, b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal li skonhom il-proċedimenti tal-bordijiet tal-għażla għandhom ikunu sigrieti.

Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kull deċiżjoni li tirrigwarda individwu speċifiku u li taffettwah negattivament trid tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata. L-għan tal-obbligu li jiġu ddikjarati raġunijiet huwa li tingħata l-informazzjoni meħtieġa lill-persuna kkonċernata sabiex jiġi aċċertat jekk id-deċiżjoni kkonċernata hix korretta jew le, u sabiex tkun possibbli evalwazzjoni ġudizzjarja.

⁽²²⁾ Taħt it-titlu “Ikkuntattjana” fil-websajt tal-EP SO www.eu-careers.eu

⁽²³⁾ <https://europa.eu/epso/application/passport/webform.cfm?usertype=2&lang=en&langsub=ok>

⁽²⁴⁾ Ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 267 tal-20 ta' Ottubru 2000, p. 63.

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

⁽²⁶⁾ https://europa.eu/epso/application/passport/index.cfm?action=dpdlegal&sb=1&comp_id=

Fil-każ ta' deċiżjonijiet meħuda minn bord tal-għażla f'kompetizzjoni, l-obbligu li jiġu ddikjarati raġunijiet irid jiġi rrikonċiljat man-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-bord tal-għażla skont l-Artikolu 6 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal. Din is-segretezza ġiet introdotta sabiex tissalvagwardja l-indipendenza tal-bordijiet tal-għażla u l-oġġettività tal-proċedimenti tagħhom, billi tħarishom minn kull interferenza u pressjoni esterna. Is-segretezza tal-proċedimenti tal-bord għalhekk tipprekludi kemm id-divulgazzjoni tal-attitudnijiet adottati minn membri individwali tal-bordijiet tal-għażla kif ukoll id-divulgazzjoni ta' kull fattur li jirrigwarda l-valutazzjonijiet individwali jew komparattivi tal-kandidati.

Id-dritt għall-informazzjoni definit f'din it-Taqsima huwa speċifiku għall-kandidati f'kompetizzjoni miftuħa u ma għandux jiġi mfixkel mad-dritt ta' aċċess kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁽²⁷⁾ (ir-Regolament tat-Trasparenza: ara t-Taqsima 3.3.2 hawn taħt). Innota li fir-rigward tal-informazzjoni li tirrigwarda l-parteċipazzjoni personali tiegħek f'kompetizzjoni miftuħa, ma tistax tikseb aktar drittijiet mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 minn dawk li l-ġurisprudenza rrikonossiet bħala li jappartjenu għad-dritt speċifiku ta' aċċess tal-kandidati deskritt aktar 'il fuq.

3.3.1.1. *Komunikazzjoni individwali awtomatika*

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, bħala kandidat, inti **tirċievi awtomatikament** l-informazzjoni li ġejja:

Stadju tal-kompetizzjoni	Komunikazzjoni
Testijiet multiple-choice ibbażati fuq il-kompjuter	<ul style="list-style-type: none"> — Ir-riżultati tiegħek. — Tabella li turi, għal kull mistoqsija tat-test, it-tweġiba/jiet li għażilt u t-tweġiba/jiet korretta/i. Din ma turix il-kliem tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet, iżda biss in-numri/ittri ta' referenza tagħhom. <p>Innota li l-komunikazzjoni tal-kliem tal-mistoqsijiet li t-tweġibiet tat-testijiet multiple choice ibbażati fuq il-kompjuter hija b'dan espliċitament eskluża. Il-ġurisprudenza kkonfermat li għat-testijiet fil-forma tal-mistoqsijiet multiple-choice, l-obbligu li jiġu ddikjarati raġunijiet huwa rrispettat billi tiġi kkomunikata lill-kandidati l-informazzjoni speċifikata aktar 'il fuq.</p>
Ammissjoni	<ul style="list-style-type: none"> — Ir-riżultati tiegħek (ammess/mhux ammess). — Jekk ma tiġix ammess, il-kriterji tal-eliġibbiltà li ma kinux issodisfati jiġu wkoll indikati.
Għażla skont il-kwalifiki (talent screener)	<ul style="list-style-type: none"> — Ir-riżultati tiegħek. — Tirċievi wkoll it-tabella li turi l-piż għal kull mistoqsija tat-"talent screener", u l-punti mogħtija mill-bord tal-għażla għal kull tweġiba.
It-testijiet preliminari	<ul style="list-style-type: none"> — Ir-riżultati tiegħek.
Iċ-Ċentru ta' Evalwazzjoni	<ul style="list-style-type: none"> — Ir-riżultati tiegħek. — Il-passaport tal-kompetenza tiegħek li juri l-marki globali tiegħek għal kull kompetenza evalwata, u l-kummenti tal-bord tal-għażla. <p>Innota li l-kandidati li jonqsu milli jtemmu wieħed jew aktar mit-testijiet, jew li jiġu esklużi mill-kompetizzjoni minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli proċedurali ma jirċevux passaport tal-kompetenza.</p>

3.3.1.2. *Id-divulgazzjoni pubblika awtomatika*

Għal xi tipi ta' testijiet, ladarba jkunu kompletati, l-EPSo jippubblika fuq il-websajt tiegħu t-testi sors/il-kompiti. L-għan ta' din id-divulgazzjoni huwa li tiżdied it-trasparenza tal-kompetizzjonijiet, f'każijiet fejn dan jista' jinkiseb mingħajr ma jikkomprometti l-imparzjalità u l-oġġettività tagħhom.

⁽²⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43)

Il-pubblikazzjoni sseħħ wara li t-testijiet ikunu ġew imwettqa u r-riżultati finali tagħhom ikunu ġew stabbiliti u kkomunikati lill-kandidati.

Din tikkonċerna **esklussivament** lil dawk it-tipi speċifiċi ta' testijiet fejn it-testi sors/il-kompiti mhumieq intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri. Huma dawn li ġejjin:

- testijiet ta' traduzzjoni fil-kompetizzjonijiet tat-tradutturi,
- testijiet ta' traduzzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-ġuristi-lingwisti,
- “sommarju fil-lingwa tal-kompetizzjoni” f'kompetizzjonijiet tal-ġuristi-lingwisti.

3.3.1.3. Informazzjoni wara talba

Il-kandidati jistgħu jitolbu kopja **mhux ikkoreġuta** tat-tweġibiet tagħhom f'dawk it-testijiet bil-miktub fejn il-kontenut tat-test mhuwiex maħsub biex jerġa' jintuża f'kompetizzjonijiet futuri (jiġifieri, it-tipi ta' testijiet elenkati fil-punt 3.3.1.2 hawn fuq).

Talbiet bħal dawn għandhom jitressqu esklussivament permezz tal-formola ta' kuntatt onlajn fuq il-websajt tal-EPPO.

Min-naħa l-oħra, **l-aċċess għal kopji mhux ikkoreġuti ma jistax jingħata f'dawk il-każijiet fejn il-kontenut tat-test huwa maħsub biex jintuża mill-ġdid fil-futur, u fejn id-divulgazzjoni ta' dawn il-kopji jikkomprometti l-iżvilupp ta' testijiet futuri u l-ġustizzja u l-oġġettività ta' kompetizzjonijiet futuri.** Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, l-istudju tal-każ, li għalih l-aċċess għal kopji mhux ikkoreġuti huwa b'dan eskluż b'mod espliċitu.

Bħala regola ġenerali, innota li t-talbiet **kollha** għall-informazzjoni jiġu evalwati fid-dawl tal-obbligu msemmi hawn fuq li jiġu ddikjarati r-raġunijiet u li titqies in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-bord tal-għażla skont ir-Regolamenti tal-Persunal (l-Anness III, l-Artikolu 6), u f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali.

Innota li l-karti tat-tweġibiet ikkoreġuti u d-dettalji tal-immarkar, b'mod partikolari, huma koperti mis-segretezza tal-proċedimenti tal-bord tal-għażla u ma jiġux divulgati.⁽²⁸⁾

Ħafna informazzjoni dwar il-proċeduri tal-għażla li jorganizza l-EPPO tinsab fuq il-websajt tiegħu. Jekk ma tkunx tista' ssib l-informazzjoni li teħtieġ fuq il-websajt, ippreżenta t-talba għall-informazzjoni tiegħek permezz tal-formola ta' kuntatt fuq il-websajt tal-EPPO u indika bil-mod l-aktar preċiż possibbli l-informazzjoni li tixtieq tikseb u jekk hux qed titlob din l-informazzjoni fid-dawl tal-istatus tiegħek ta' kandidat fil-kompetizzjoni miftuħa.

3.3.2. Aċċess għad-dokumenti skont ir-regolament (KE) Nru 1049/2001 – Trasparenza

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistipula li kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika residenti jew li għandha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, għandha dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, suġġett għall-prinċipji, kundizzjonijiet u limiti stipulati f'dan ir-Regolament. Madankollu, skont il-ġurisprudenza, id-dritt tal-aċċess għad-dokumenti kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jista' jkun limitat jew miċħud fejn ikun hemm regoli speċjali li jirregolaw kwistjonijiet speċifiċi, skont il-prinċipju li regola speċjali tirbaħ fuq ir-regola ġenerali (*lex specialis derogat legi ġenerali*).

Fil-każ tal-kompetizzjonijiet miftuħa, l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (ir-regola ġenerali) hija **esklużiva** bis-saħħa tal-Artikolu 6 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, li jikkostitwixxi regola speċjali⁽²⁹⁾.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, f'it li xejn huwa probabbli li tikseb dokument partikolari fid-dawl ta' dan ir-regolament li jkun ġie rrifjutat lilek bħala kandidat fi proċedura ta' għażla.

⁽²⁸⁾ Il-Kawża C-254/95, *il-Parlament v Innamorati*, sentenza tal-4 ta' Lulju 1996, ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea – Kawżi tal-Persunal 1996 I-03423 (il-paragrafu 29 tas-sentenza); il-Kawża F-127/11, *De Mendoza v il-Kummissjoni*, sentenza tat-12 ta' Frar 2014, għadha mhix ippubblikata (il-paragrafu 99 tas-sentenza).

⁽²⁹⁾ T-371/03, *Le Voci v il-Kunsill*, sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, ippubblikata fil-Kawżi tal-Persunal tar-Rapport tal-Qorti Ewropea 2005 FP-I-A-00209 FP-II-00957, il-paragrafi 121-124 b'referenzi ulterjuri.

Minbarra dan, ir-Regolament japplika biss għal talbiet għal aċċess għal **dokumenti eżistenti**, jiġifieri “kull kontenut, ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f’forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni, ta’ ħoss, viżiv jew awdjoviż) dwar kwistjoni dwar il-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta’ responsabbiltà tal-istituzzjoni”⁽³⁰⁾. L-Istituzzjonijiet ma jistgħux jiġu obbligati li jikkompilaw dokumenti ġodda wara talba.

3.4. ILMENTI

Il-proċeduri tal-kompetizzjonijiet huma organizzati professjonalment mill-EPPO, uffiċċju interistituzzjonali ddedikat b’esperjenza twila f’dan il-qasam. Nagħmlu l-aħjar tagħna biex nigarantixxu proċeduri ġusti u oġġettivi u kundizzjonijiet tal-ittejtjar xierqa għall-kandidati kollha. Madankollu, minkejja l-aħjar sforzi tagħna, jista’ jkun hemm każijiet fejn iseħħu problemi tekniċi jew żbalji umani.

3.4.1. X’għandek tagħmel jekk xi ħaġa tmur ħażin?

Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-kompetizzjoni, tiltaqa’ ma’ problema teknika jew organizzattiva serja li jkun probabbli li jkollha impatt fuq il-parteċipazzjoni tiegħek fil-kompetizzjoni, informa lill-EPPO immedjatament, sabiex inkunu nistgħu ninvestigaw il-kwistjoni u nieħdu miżuri korrettivi.

Għandek tagħmel dan f’wieħed mil-modi li ġejjin:

- għal **problemi li jseħħu barra miċ-ċentri tat-testijiet** (bħal dawk li jirrigwardaw il-proċess ta’ applikazzjoni jew tal-ibbukkar), ibgħat lill-EPPO messaġġ permezz tal-formola ta’ kuntatt⁽³¹⁾ fuq il-websajt tagħna b’deskrizzjoni qasira tal-problema li tkun iltqajt magħha;
- jekk **il-problema sseħħ f’ċentru tat-testijiet**, informa lill-inviġilaturi u itlobhom jirreġistraw l-ilment tiegħek bil-miktub, u ibgħat lill-EPPO⁽³¹⁾ messaġġ permezz tal-formola ta’ kuntatt fuq il-websajt tagħna b’deskrizzjoni qasira tal-problema li ltqajt magħha.

Dejjem ikkwota n-numru tal-kompetizzjoni u n-numru tal-applikazzjoni tiegħek fil-messaġġ tiegħek.

Hu nota:

- jekk tixtieq tagħmel ilment dwar **żball fil-kontenut tat-testijiet multiple choice ibbażati fuq il-kompjuter, jekk jogħġbok irreferi għall-proċedura ta’ newtralizzazzjoni** deskritta fit-Taqsima 3.4.2 hawn taħt;
- jekk tixtieq **tikkontesta deċiżjoni** meħuda mill-EPPO jew mill-Bord tal-Għażla, jekk jogħġbok irreferi għall-**proċedura tar-reviżjoni interna** deskritta fit-Taqsima 3.4.3 hawn taħt.

3.4.2. Newtralizzazzjoni

X’inhil n-newtralizzazzjoni?

Il-bażi tad-dejta tal-mistoqsijiet użati għal testijiet multiple choice fuq il-kompjuter hija suġġetta għal kontroll ta’ kwalità fil-fond permanenti, inklużi kontrolli mwettqa mill-bordijiet tal-għażla. Minkejja dan li ntqal hawn fuq, jista’ jiġri li ċerti mistoqsijiet ikun fihom żbalji materjali.

In-newtralizzazzjoni hija miżura korrettiva, approvata mill-Qorti tal-Ġustizzja⁽³²⁾, li l-għan tagħha hu li tiġi assicurata l-oġġettività tal-valutazzjonijiet u l-ugwaljanza fit-trattament tal-kandidati f’każ li t-testijiet f’kompetizzjonijiet jkollhom xi irregolaritajiet fil-forma ta’ mistoqsijiet żbaljati.

Meta jiġi skopert żball wara li jkunu saru t-testijiet, il-bord tal-għażla tal-kompetizzjoni jista’ jiddeċiedi li jannulla l-mistoqsija żbaljata u li jqassam il-punti li jkunu inizjalment se jingħataw għal din il-mistoqsija fost il-mistoqsijiet l-oħra tat-test. Din is-sistema tfisser li l-kalkolu l-ġdid tal-punti wara n-newtralizzazzjoni ta’ mistoqsija jaffettwa biss lill-kandidati li lillhom tkun tqiegħdet il-mistoqsija speċifika. L-immarrkar tat-testijiet jibqa’ kif imsemmi fl-avviż tal-kompetizzjoni.

⁽³⁰⁾ Ara l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁽³¹⁾ <https://europa.eu/epso/application/passport/webform.cfm?usertype=2&lang=en&langsub=ok>

⁽³²⁾ Il-Kawża T-49/03 *Schumann v il-Kummissjoni*, sentenza tal-21 ta’ Ottubru 2004, ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea – Kawżi tal-Persunal 2004 II p. 1371 (il-paragrafi 53-55 tas-sentenza); Il-Kawża F-2/07 *Matos Martins v il-Kummissjoni*, sentenza tal-15 ta’ April 2010 (il-paragrafu 191 tas-sentenza).

Huwa importanti li jiġi enfaszżat li s-sistema tan-newtralizzazzjoni tffasset b'mod li jkun żgurat li l-ebda kandidat ma jkun penalizzat inġustament. Biex dan ikun jista' jiġi garantit issir simulazzjoni fejn jitqabblu r-riżultati qabel u wara n-newtralizzazzjoni. L-EP SO u l-bordijiet tal-għażla japplikaw politika ta' inklużjoni aktar milli ta' esklużjoni, u jistabbilixxu l-livell minimu li fih kandidat jitqies li jkun għadda mit-testijiet wara n-newtralizzazzjoni biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni ta' dawk il-kandidati li jkunu ntaqtu ħażin min-newtralizzazzjoni.

Bl-istess mod, ta' min ifakkar ukoll li skont il-ġurisprudenza rilevanti, id-differenza fiż-żmien li l-kandidati ddedikaw biex wiegħbu l-mistoqsijiet li jiġu nnewtralizzati ma jikkostitwixxix trattament mhux ugwali bejn il-kandidati ⁽³³⁾.

Talbiet

Jekk inti tqis li xi mistoqsija, jew mistoqsijiet, li sarulek waqt it-testijiet multiple choice ibbażati fuq il-kompjuter kien fihom xi żball li kien ta' natura tali li minħabba fih il-mistoqsija ma setgħetx titwieġeb jew inkella kien tali li jkollu impatt negattiv fuq il-ħila tal-kandidat li jwieġeb b'mod korrett, inti tista' titlob li l-mistoqsija tiġi rieżaminata mill-Bord tal-Għażla bil-proċess tan-newtralizzazzjoni.

It-talbiet għal newtralizzazzjoni ta' mistoqsijiet speċifiċi tas-CBT jridu jsiru **fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data tat-testijiet tiegħek ibbażati fuq il-kompjuter**,

- jew direttament lill-inviġilatur fiċ-ċentru tal-eżamijiet wara li tkun għamilt it-testijiet tiegħek,
- jew permezz tal-formola ta' kuntatt ⁽³⁴⁾ li tinsab fuq il-websajt tal-EP SO.

Ikkwota dejjem fil-messaġġ tiegħek in-numru tal-kompetizzjoni, in-numru tal-applikazzjoni tiegħek, u l-frażi "proċeduri ta' lment".

Fit-talba tiegħek, inti **trid** tipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex tkun tista' tiġi identifikata l-mistoqsija, jew identifikati l-mistoqsijiet li inti tqis li kien fihom żbalji (pereż. billi ssemmi dwar xiex kienet il-mistoqsija), kif ukoll tispejga, safejn ikun possibbli, x'kien eżattament l-iżball allegat.

It-talbiet għan-newtralizzazzjoni li jaslu wara l-iskandenza, jew li ma jkunux ċari biżżejjed biex tkun tista' ssir identifikazzjoni tal-mistoqsija jew mistoqsijiet ikkontestati, jew li ma jispjegawx in-natura tal-iżball allegat, ma jiġux ikkunsidrati.

3.4.3. Proċedura ta' reviżjoni interna

Tista' titlob reviżjoni ta' kwalunkwe **deċiżjoni** tal-bord tal-għażla jew tal-EP SO li direttament u immedjatament taffettwa l-istatus legali tiegħek fil-kompetizzjoni (jiġifieri li tistabbilixxi r-riżultati tiegħek u/jew tiddetermina jekk tistax tipproċedi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni jew tiġix eskluż minnu).

Talbiet għal reviżjoni jistgħu jkunu bbażati fuq waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

- irregolarità materjali fil-proċess tal-kompetizzjoni ⁽³⁵⁾,
- nuqqas ta' konformità, mill-bord tal-għażla jew l-EP SO, mar-regoli li jirregolaw il-proċedura tal-kompetizzjoni kif stabbilita mir-Regolamenti tal-Persunal, l-avviż tal-kompetizzjoni, dawn ir-regoli ġenerali, u l-ġurisprudenza.

Innota li ma tistax tikkontesta l-validità tal-evalwazzjoni tal-bord tal-għażla dwar il-kwalità tal-ħidma tiegħek fit-test. Din l-evalwazzjoni hija l-espressjoni ta' ġudizzju ta' valur u taqa' fid-deskrizzjoni wiesgħa li jgawdi l-bord tal-għażla. Għalhekk mhix soġġetta għal reviżjoni amministrattiva jew ġuridika ⁽³⁶⁾.

Il-kompetizzjoni għall-postijiet fl-Istituzzjonijiet tal-UE hija waħda qawwija, u l-kandidati li jirnexxu huma biss ftit. Minħabba l-istess natura tal-proċedura tal-kompetizzjoni, l-evalwazzjoni komparattiva li din tinvolvi, u n-numru limitat tal-postijiet fuq il-lista ta' riżerva, huwa inevitabbli li l-maġġoranza tal-kandidati f'kull kompetizzjoni ma jirnexxux, anki jekk ikunu ġeneralment kompetenti. Dan huwa aspett normali tal-kompetizzjoni, pjuttost milli indikazzjoni li xi ħaġa marret ħażin.

⁽³³⁾ Il-Kawżi Konġunti T-167/99 u T-174/99 *Giulietti u Oħrajn v il-Kummissjoni*, sentenza tat-2 ta' Mejju 2001, ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea – Kawżi tal-Persunal 2001 II p. 441) ara l-punt 59); Il-Kawża F-2/07 *Matos Martins v il-Kummissjoni*, sentenza tal-15 ta' April 2010, (il-paragrafu 183 tas-sentenza).

⁽³⁴⁾ <https://europa.eu/epso/application/passport/webform.cfm?usertype=2&lang=en&langsub=ok>

⁽³⁵⁾ Dan ma japplikax għal żbalji fil-mistoqsijiet fit-testijiet tal-preselezzjoni, li huma eżaminati skont il-proċedura tan-newtralizzazzjoni msemmija fil-punt 3.4.2.

⁽³⁶⁾ Il-Kawża F-127/07, *Coto Moreno v Il-Kummissjoni*, sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea – Kawżi tal-Persunal 2008 FP-I-A-1-00295; FP-II-A-1-01563 (il-paragrafu 33 tas-sentenza)

Proċedura

Ippreżenta t-talba tiegħek **fi żmien għaxart ijiem mid-data meta d-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta tittella' fil-kont tal-EPSO tiegħek:**

- jew permezz tal-formola ta' kuntatt ⁽³⁷⁾ fuq il-websajt tal-EPSO,
- jew bil-posta lill-European Personnel Selection Office (EPSO), C-25 1049 Brussels, Belgium.

Ikkwota dejjem fil-messaġġ tiegħek, in-numru tal-kompetizzjoni, in-numru tal-applikazzjoni tiegħek, u l-frażi "Request for review".

Għandek tindika b'mod ċar id-deċiżjoni li inti tixtieq tikkontesta, u għandek tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata t-talba tiegħek.

Il-proċedura tar-reviżjoni interna hija mmexxija mit-tim legali tal-EPSO.

Meta nirċievu t-talba tiegħek, nibagħtulek irċevuta fi żmien 15-il jum tax-xogħol.

It-talba tiegħek imbagħad tiġi analizzata u mressqa għall-kunsiderazzjoni tal-istess entità li adottat id-deċiżjoni kkontestata (jew il-bord tal-għażla jew l-EPSO) ⁽³⁸⁾. Il-bord tal-għażla jew l-EPSO mbagħad jieħdu deċiżjoni dwar it-talba tiegħek. Wara li tittieħed deċiżjoni, titħejja tweġiba motivata li tindirizza l-argumenti tiegħek mit-tim legali.

Aħna neżaminaw it-talba tiegħek bir-reqqa, b'mod ġust u oġġettiv. Il-proċedura tista' tieħu bosta ġimgħat. Nibagħtulek deċiżjoni motivata malajr kemm jista' jkun, permezz tal-kont tal-EPSO tiegħek.

Jekk it-talba tiegħek għal revizzjoni tirċievi risposta pożittiva, tiġi integrat mill-ġdid fil-kompetizzjoni fl-istadju fejn tkun ġejt eskluż, irrispettivament minn kemm tkun avanzat il-kompetizzjoni sadittant, sabiex id-drittijiet tiegħek jiġu ssalvagwardjati.

3.4.4. Forom oħra ta' kontestazzjoni

3.4.4.1. Ilmenti amministrattivi

Bħala kandidat f'kompetizzjoni, għandek id-dritt li tindirizza lill-awtorità tal-ħatra (jiġifieri lid-Direttur tal-EPSO) b'ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90, il-paragrafu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-ilment irid ikun dirett kontra att li jaffettwak ħażin (jiġifieri deċiżjoni – jew in-nuqqas ta' deċiżjoni fejn ikun hemm obbligu li tittieħed deċiżjoni imposta mir-Regolamenti tal-Persunal – li hija ta' preġudizzju għalik). Sabiex titqies bħala att li jaffettwak ħażin, il-miżura kkonċernata trid tkun tali li direttament u immedjatament taffettwa l-istatus tiegħek bħala kandidat.

Nixtiequ niġbdulek l-attenzjoni għall-fatt li d-deċiżjonijiet ta' bord tal-għażla ma jistgħux jiġu annullati jew mibdula mid-Direttur tal-EPSO wara li jiġi ppreżentat ilment amministrattiv. Għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għalfejn wieħed għandu jippreżenta lment kontra deċiżjoni tal-bord tal-għażla ⁽³⁹⁾.

L-ilmenti amministrattivi għandhom jiġu ppreżentati fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta (jew, fl-assenza ta' deċiżjoni, mill-jum li fih kellha tittieħed deċiżjoni),

- jew permezz tal-formola ta' kuntatt ⁽⁴⁰⁾ fuq il-websajt tal-EPSO,
- jew bil-posta lill-European Personnel Selection Office (EPSO), C-25 1049 Brussels, Belgium.

Ikkwota dejjem fil-messaġġ tiegħek, in-numru tal-kompetizzjoni, in-numru tal-applikazzjoni tiegħek, u l-frażi "complaint procedures".

⁽³⁷⁾ <https://europa.eu/epso/application/passport/webform.cfm?usertype=2&lang=en&langsub=ok>

⁽³⁸⁾ Dan huwa dovut għall-qsim tal-kompetenzi impost mir-Regolamenti tal-Persunal.

⁽³⁹⁾ Il-Kawża 34/80 *Authié v il-Kummissjoni*, sentenza tas-26 ta' Frar 1981, ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea 1981 p. 665 (il-paragrafu 7 tas-sentenza); Il-Kawżi Konġunti 4/78, 19/78 u 28/78 *Salerno u oħrajn v il-Kummissjoni*, sentenza tat-30 ta' Novembru 1978, ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea 1978 p. 2403.

⁽⁴⁰⁾ <https://europa.eu/epso/application/passport/webform.cfm?usertype=2&lang=en&langsub=ok>

3.4.4.2. Appelli ġudizzjarji

Bħala kandidat f'kompetizzjoni, għandek id-dritt tippreżenta appell ġudizzjarju lit-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Innota li appelli kontra deċiżjonijiet meħuda mill-EPPO minflok milli mill-bord tal-għażla ma jkunux ammissibbli quddiem it-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea jekk qabel ma jkunx sar ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal skont il-proċedura deskritta aktar 'il fuq fit-Taqsima 3.4.4.1. B'mod partikolari, dan huwa l-każ bid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-kriterji ġenerali tal-eliġibbiltà, li huma meħuda mill-EPPO u mhux milli-bord tal-għażla.

Għad-dettalji dwar kif għandek tippreżenta appell, ara l-websajt tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴¹⁾.

3.4.4.3. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

Bħaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea u r-residenti tal-Istati Membri, inti tista' tagħmel ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew ⁽⁴²⁾.

Innota li, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweqqif tad-dmirijiet tal-Ombudsman, **kull ilment li jitressaq quddiemu għandu jkun ippreċedut mill-aproċċi amministrattivi adegwati lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.**

Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman ma għandhomx effett ta' sospensjoni tal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-preżentazzjoni ta' lmenti jew ta' appelli quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

3.5. SKWALIFIKA MILL-KOMPETIZZJONI

Inti tista' tiġi eskluż mill-kompetizzjoni kkonċernata jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, l-EPPO jsib li:

- ħloqt iktar minn kont tal-EPPO wieħed,
- applikajt għal profili li huma inkompatibbli,
- għamilt xi dikjarazzjonijiet foloz, jew id-dikjarazzjonijiet li għamilt mhumiex sostnuti mid-dokumentazzjoni xierqa,
- inqast milli tibbukja t-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter (testijiet multiple-choice, eċċ.),
- qarraqt waqt it-testijiet,
- ippruvajt tikkuntattja membru tal-bord tal-għażla b'mod mhux awtorizzat,
- bgħatt l-applikazzjoni tiegħek b'lingwa oħra li mhix l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż,
- kontra l-istruzzjonijiet riċevuti qabel it-test bil-miktub jew prattiku tiegħek, iffirmajt jew ktibt marka distintiva bil-miktub fuq il-kopji tiegħek.

Kull min japplika biex jiġi reklutat mill-istituzzjonijiet irid juri ruħu tal-ogħla integrità possibbli. Il-frodi jew it-tentattivi ta' frodi jistgħu jesponuk għal penalitajiet u jistgħu jippreġudikaw l-eliġibbiltà tiegħek għal kompetizzjonijiet futuri.

⁽⁴¹⁾ http://curia.europa.eu/jcms/jcms/T5_5230/

⁽⁴²⁾ <http://www.ombudsman.europa.eu/start.faces>

ANNEX I

Eżempji ta' diplomi li, fil-prinċipju, jikkorrespondu għal dawk mitluba mill-avviżi ta' kompetizzjonijiet

	mimn AST-SC1 sa AST-SC6 mimn AST1 sa AST7	mimn AST3 sa AST11	mimn AD5 sa AD16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (1) (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kurs Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Belgique — Belgien	Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS)/Diploma secundair onderwijs Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES)/ Getuigschrift van hoger secundair onderwijs Diplôme d'enseignement professionnel Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs	Candidature — Kandidaat/ Graduat — Gegraduateerde Bachelor/Professioneel gerichte Bachelor	Bachelor académique (180 crédits) Academisch gerichte Bachelor (180 ECTS) Licence/Licentiaat Master Diplôme d'études approfondies (DEA) Diplôme d'études spécialisées (DES) Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS) Agrégation/Aggregaat Ingénieur industriel/Industrieel ingenieur Doctorat/Doctoraal diploma
България	Диплома за завършено средно образование	Специалист по ...	Диплома за висше образование Бакалавър Магистър
Česká republika	Vysvědčení o maturitní zkoušce	Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (Dis.)	Diplom o ukončení vysokoskolského studia Magistr Doktor Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář)

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16	
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja ⁽¹⁾ (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-anqas 3 snin ⁽²⁾)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Danmark	Bevis for: Studentereksamen Højere Forberedelseksamen (HF) Højere Handelseksamen (HHX) Højere Afgangseksamen (HA) Bac pro: Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX)	Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhvervsakademiuuddannelse AK)	Bachelorgrad (B.A eller B.Sc) Professionsbachelorgrad Diplomingenløb	Kandidatgrad/Candidatus Master/Magistergrad (Mag.Art) Licenciatgrad Ph.D.-grad
Deutschland	Abitur/Zeugnis der allgemeinen Hochschulreife Fachabitur/Zeugnis der Fachhochschulreife		Fachhochschulabschluss Bachelor	Hochschulabschluss/ Fachhochschulabschluss/ Master Magister Artium/Magistra Artium Staatsexamen/Diplom Erstes Juristisches Staatsexamen Doktorgrad
Eesti	Gümnaasiumi lõputunnistus + riigieksamitunnistus Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta	Tunnistus keskhariduse baasil kutsekeskhariduse omandamise kohta	Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti) Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti)	Rakendusõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) Magistrikraad Arstikraad Hambaarstikraad Loomaarstikraad Filosoofiadoktor Doktorikraad (120–160 ainepunkti)

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja ⁽¹⁾ (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Éire/Ireland	Ardteistiméireacht Grád D3 i 5 ábhar Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects Gairmechlár na hArdteistiméireachta (GCAT) Leaving Certificate Vocational Programme (LCVP)	Teastas Náisiúnta National Certificate Céim bhaitisiléara Ordinary bachelor degree Diplóma Náisiúnta (ND, Dip.) National Diploma (ND, Dip.) Dámhachtain Ardteastas Ardoideachais (120 ECTS) Higher Certificate (120 ECTS)	Céim onórach bhaitisiléara (4 bliana/240 ECTS) Honours bachelor degree (4 years/240 ECTS) Céim ollscoile University degree Céim mháistir (60-120 ECTS) Master's degree (60-120 ECTS) Céim dochtúra Doctorate
Ελλάδα	Απολυτήριο Γενικού Λυκείου Απολυτήριο Κλασικού Λυκείου Απολυτήριο Τεχνικού - Επαγγελματικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου	Διπλώμα Επαγγελματικής Κατάρτισης (Ι.Ε.Κ.)	Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ) Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδίκευσης (2ος κύκλος) Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος)
España	Bachillerato + Curso de Orientación Universitaria (COU) Bachillerato BUP Diploma de Técnico especialista	FP grado superior (Técnico superior)	Licenciatura Máster Ingeniero Título de Doctor

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16	
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (1) (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-anqas 3 snin (2))	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
France	Baccalauréat Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU) Brevet de technicien	Diplôme d'études universitaires générales (DEUG) Brevet de technicien supérieur (BTS) Diplôme universitaire de technologie (DUT) Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST)	Licence	Maîtrise Maîtrise des sciences et techniques (MST), maîtrise des sciences de gestion (MSG), diplôme d'études supérieures techniques (DEST), diplôme de recherche technologique (DRT), diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS), diplôme d'études approfondies (DEA) Master 1, master 2 professionnel Master 2 recherche Diplôme des grandes écoles Diplôme d'ingénieur Doctorat
Italia	Diploma di maturità (vecchio ordinamento) Perito ragioniere Diploma di superamento dell'esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore	Diploma universitario (DU) Certificato di specializzazione tecnica superiore/ Attestato di competenza (4 semestri)	Diploma di laurea — L (breve)	Diploma di laurea (DL) Laurea specialistica (LS) Master di I livello Dottorato di ricerca (DR)
Κύπρος	Απολυτήριο	Διπλώματα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory) Higher Diploma		Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor Master Doctorat

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja ⁽¹⁾ (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Latvija	Atestāts par vispārējo vidējo izglītību Diploms par profesionālo vidējo izglītību	Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību	Bakalaura diploms (160 kredīti) Profesionālā bakalaura diploms Maģistra diploms Profesionālā maģistra diploms Doktora grāds
Lietuva	Brandos atestatas	Aukštojo mokslo diplomas Aukštesniojo mokslo diplomas	Aukštojo mokslo diplomas Bakalauro diplomas Magistro diplomas Daktaro diplomas Meno licenciato diplomas
Luxembourg	Diplôme de fin d'études secondaires et techniques	BTS Brevet de maîtrise Brevet de technicien supérieur Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU) Diplôme universitaire de technologie (DUT)	Master Diplôme d'ingénieur industriel Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) en droit européen
Magyarország	Gimnáziumi érettségi bizonyítvány Szakközépiskolai érettségi — Képesítő bizonyítvány	Felsőfokú szakképesítést igazoló bizonyítvány (Higher Vocational Program)	Egyetemi oklevél Alapfokozat (Bachelor degree 240 credits) Mesterfokozat (Master degree) (Osztatlan mesterképzés) Doktori fokozat

PAJJIŻ	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7 Edukazzjoni sekondarja (1) (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	minn AST3 sa AST11 Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-inqas 3 snin (2))	minn AD5 sa AD16 Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Malta	Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher) Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including Systems of Knowledge with overall grade A-C) + Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5 2 A Levels (passes A-C) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent	MCAST diplomas/certificates Higher National Diploma	Bachelor's degree	Bachelor's degree Master of Arts Doctorate
Nederland	Diploma VWO Diploma staatsexamen (2 diploma's) Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO) Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO)	Kandidaatexamen Associate degree (AD)	Bachelor (WO) HBO bachelor degree Baccalaureus of «Ingenieur»	HBO/WO Master's degree Doctoraal examen/Doctoraat
Österreich	Matura/Reifeprüfung Reife- und Diplomprüfung Berufsreifeprüfung	Kollegdiplom/ Akademediplom	Fachhochschuldiplom/Bakkalaureus/Bakalaurea	Universitätsdiplom/ Fachhochschuldiplom/ Magister/Magistra Master Diplomprüfung, Diplom-Ingenieur Magisterprüfungszeugnis Rigorosenzeugnis Dokortitel

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja ⁽¹⁾ (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Polşa	Świadectwo dojrzałości Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego	Dyplom ukończenia kolegium nauzy-cielskiego Świadectwo ukończenia szkoły policealnej	Licencjat/Inżynier Magister/Magister inżynier Dyplom doktora
Portugal	Diploma de Ensino Secundário/ Certificado de Habilitações do Ensino Secundário		Bacharel Licenciado Licenciado Mestre Doutorado
Republika Hrvatska	Svjedodžba o državnoj maturi Svjedodžba o završnom ispitu	Stručni pristupnik/pristupnica	Baccalaureus/Baccalaurea (sveučilišni prvostupnik/prvostupnica) Stručni specijalist Magistar struke Magistar inženjer/magistrica inženjerka (mag. ing.) Doktor struke Doktor umjetnosti
România	Diplomă de bacalaureat	Diplomă de absolvire (colegiu universitar) învăţământ preuniversitar	Diplomă de licenţă Diplomă de inginer Diplomă de urbanist Diplomă de master Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) Diplomă de doctor

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16	
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja ⁽¹⁾ (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-anqas 3 snin ⁽²⁾)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Slovenija	Maturitetno spričevalo (spričevalo o poklicni maturi) (spričevalo o zaključnem izpitu)	Diploma višje strokovne šole	Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi	Univerzitetna diploma/magisterij/specializacija/doktorat
Slovensko	vysvedčenie o maturitnej skúške	absolventský diplom	diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (bakalár)	diplom o ukončení vysokoškolského štúdia bakalár (Bc.) magister magister/inžinier ArtD
Suomi/Finland	Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus – Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning (Betyg över avlagd yrkesexamen på andra stadiet) Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier)	Ammatillinen opistoasteen tutkinto – Yrkesexamen på institutnivå	Kandidaatin tutkinto – Kandidatexamen/ Ammatillikorkeakoulututkinto – Yrkehögskoleexamen (min. 120 opintoviikkoa – studieveckor)	Maisterin tutkinto – Magisterexamen/ Ammatillikorkeakoulututkinto – Yrkehögskoleexamen (min. 160 opintoviikkoa – studieveckor) Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen – antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen Lisensiaatti/Licentiat

	minn AST-SC1 sa AST-SC6 minn AST1 sa AST7	minn AST3 sa AST11	minn AD5 sa AD16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja ⁽¹⁾ (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (4 snin jew aktar)
Sverige	Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning)	Högskoleexamen (80 poäng) Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1–3 år	Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng, varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) — Licentiatexamen — Doktorsexamen Meriter på avancerad nivå: — Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng — Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Meriter på forskarnivå: — Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng — Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng
United Kingdom	General Certificate of Education Advanced level — 2 passes or equivalent (grades A to E) BTEC National Diploma General National Vocational Qualification (GNVQ), advanced level Advanced Vocational Certificate of Education, A level (VCE A level)	Higher National Diploma/Certificate (BTEC)/SCOTVEC Diploma of Higher Education (DipHE) National Vocational Qualifications (NVQ) Scottish Vocational Qualifications (SVQ) level 4	Honours Bachelor degree Master's degree (MA, MB, MEng, MPhil, MSc) Doctorate

⁽¹⁾ L-aċċess għall-grupp tal-funzjoni AST huwa sogggett għall-kundizzjoni addizzjonali li tkun inkisbet esperjenza professjonali adattata ta' mill-inqas 3 snin.

⁽²⁾ L-aċċess għall-gradji 7 sa 16 huwa sogggett għall-kundizzjoni addizzjonali li tkun inkisbet esperjenza professjonali adattata ta' mill-inqas sena u nofs.

ANNEX II

Linji gwida ġenerali tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni dwar l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPPO

Huwa kkonfermat li, bħala regola ġenerali, l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPPO jkun kif ġej:

- L-elementi stabbli fis-sit tal-Internet tal-EPPO jkunu fil-lingwi uffiċjali kollha.
- L-avviżi tal-kompetizzjonijiet, inklużi l-kompetizzjonijiet għal-lingwisti u l-kompetizzjonijiet relatati mat-tkabbir, kif ukoll ir-regoli ġenerali li jirregolaw il-kompetizzjonijiet miftuħa jiġu ppubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha.
- It-testijiet li ġejjin ikunu fil-lingwi uffiċjali kollha:
 - Testijiet tal-preselezzjoni (raġunament verbali u numeriku).
 - Testijiet tal-komprensjoni tal-lingwa għall-kompetizzjonijiet tat-tradutturi.
 - Testijiet preliminari tat-traduzzjoni għall-kompetizzjonijiet tal-ġuristi-lingwisti.
 - Testijiet intermedji tal-interpretazzjoni (fuq il-komputer) għall-kompetizzjonijiet tal-interpreti.
 - Testijiet tal-kompetenza (traduzzjoni jew interpretazzjoni) għall-kompetizzjonijiet tal-lingwisti.

Għandu jiġi nnutat li għalkemm l-EPPO jista' jorganizza dawn it-tipi ta' testijiet fil-lingwi uffiċjali kollha, dan ma jfissirx li dawn isiru sistematikament fl-24 lingwa fil-kompetizzjonijiet kollha. It-testijiet tal-preselezzjoni huma organizzati fid-dawl tal-ewwel lingwi ddikjarati tal-applikanti, u t-testijiet tal-lingwi jiddependu fuq il-kombinazzjonijiet tal-lingwi tal-kompetizzjonijiet ikkonċernati.

- Iċ-ċentri ta' evalwazzjoni jsiru biss fit-tieni lingwa tal-kandidat, magħżula minn fost l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż.

Bl-istess mod, is-sejħiet għall-espressjonijiet ta' interess għall-proċeduri tal-għażla għall-persunal kuntrattwali organizzati mill-Uffiċċju jiġu ppubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha.

Bosta fatturi jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa.

L-ewwel nett, l-interessi tas-servizz jitolbu li r-rekluti l-ġodda jkunu jistgħu jkunu immedjatament operattivi u kapaċi jwettqu d-dmirijiet li għalihom ikunu ġew irrekutati fil-qasam jew ir-rwol kopert mill-kompetizzjoni.

L-Ingliż, il-Franċiż, u l-Ġermaniż huma l-lingwi l-aktar użati fl-istituzzjonijiet. Tradizzjonalment, dawn huma l-lingwi użati fil-laqgħat tal-membri tal-istituzzjonijiet. Huma wkoll il-lingwi l-aktar użati ta' sikwit għall-komunikazzjoni kemm interna kif ukoll esterna. Dan huwa ppruvat mill-istatistika dwar il-lingwi sors tat-testi tradotti mis-servizzi tat-traduzzjoni tal-istituzzjonijiet.

Fid-dawl tal-ħtiġijiet lingwistiċi reali tal-istituzzjonijiet għall-finijiet tal-komunikazzjoni interna u esterna, kriterju tal-għażla skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun l-għarfien sodisfaċenti ta' waħda minn dawn it-tliet lingwi, li għandu jiġi ttestjat permezz ta' simulazzjoni ta' sitwazzjoni realistika tax-xogħol. L-għarfien tat-tielet lingwa kif stipulat fl-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma jstax ikun sostitut għall-għarfien ta' waħda mit-tliet lingwi fiż-żmien tar-reklutaġġ.

It-tieni, il-limitazzjoni tal-lingwi għall-istadji sussegwenti tal-kompetizzjonijiet hija ġġustifikata min-natura tat-testi involuti. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet iddeċidew li jimmodifikaw il-proċeduri tal-għażla billi introduċew mill-2010 'l quddiem metodi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-kompetenzi sabiex ikunu jistgħu jipprevedu aħjar jekk il-kandidati humiex kapaċi jwettqu d-dmirijiet tagħhom.

Korp sostanzjali ta' riċerka xjentifika wera li ċ-ċentri ta' evalwazzjoni, li jissimulaw sitwazzjonijiet reali tax-xogħol huma l-aħjar mezz kif wieħed jipprevedi l-prestazzjoni fil-ħajja reali. Bħala l-aktar mezz ta' evalwazzjoni effettiv, huma użati madwar id-dinja. Fid-dawl tat-tul tal-karrieri u l-grad ta' mobilità fl-istituzzjonijiet, dan it-tip ta' evalwazzjoni huwa kruċjali. Bl-ghajjnuna ta' qafas tal-kompetenza ddefinit mill-awtoritajiet tal-ħatra, jintgħażlu numru ta' eżerċizzji addattati sabiex jiġu evalwati l-kompetenzi mfittxija. Sabiex jiġi żgurat li l-kandidati jkunu jistgħu jiġu evalwati b'mod ġust u jkunu jistgħu jikkomunikaw direttament mal-evalwaturi u l-kandidati l-oħra li jkunu qed jieħdu sehem fl-eżerċizzju, l-applikazzjoni ta' dan il-metodu titlob, b'mod partikolari, li ċ-ċentru ta' evalwazzjoni jsir flingwa komuni jew, f'ċerti ċirkostanzi, fil-lingwa waħda ewlenija tal-kompetizzjoni. Fl-ewwel każ, il-lingwa komuni trid tintgħażel minn fost il-lingwi li huwa l-aktar probabbli li l-kandidati jkunu jafu. Fid-dawl ta' din il-premessa, għandu jsir minn kolloxx biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni bejn il-kandidati; għalhekk kulħadd għandu jiġi ttestjat fit-tieni lingwa tiegħu. Iżda billi dik il-lingwa trid tkun ukoll lingwa komuni, l-għażla tat-tieni lingwa bilfors tkun limitata. Billi l-użu tradizzjonali msemmi hawn fuq għadu l-prattika interna kurrenti, dik l-għażla trid tkun bejn l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Iċ-ċentri ta' evalwazzjoni ma jinvolvux l-evalwazzjoni tal-għarfien tal-lingwa min-naħa tal-kandidati; għarfien sodisfaċenti ta' waħda mit-tlieta bħala t-tieni lingwa huwa biżżejjed biex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet (dan jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti permezz tal-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal). Dan il-livell tal-għarfien tal-lingwa ma huwa bl-ebda mod sproporzjonat fid-dawl tal-ħtiġijiet reali tas-servizz kif deskritti aktar 'il fuq.

L-użu tal-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż bħala t-tieni lingwa magħżula fl-istadji sussegwenti tal-kompetizzjonijiet ma jinvolvi l-ebda diskriminazzjoni abbażi tal-lingwa materna. Mhuwiex restrizzjoni fuq l-użu tal-lingwa materna. L-obbligu fuq il-kandidati li jagħżlu t-tieni lingwa (l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż) li hija differenti mill-ewwel lingwa tagħhom (normalment il-lingwa materna jew ekwivalenti għaliha) jiżgura li dawn ikunu jistgħu jiġu kkomparati fuq bażi ugwali. Għandu jiġi wkoll innutat li l-pussess ta' għarfien suffiċjenti tat-tieni lingwa jiddependi essenzjalment fuq sforz personali mill-kandidati.

Dan ir-rekwiżit huwa, fi kwalunkwe każ, proporzjonali fid-dawl tal-ħtiġijiet reali tas-servizz. Li jiġu limitati l-għażliet tat-tieni lingwa jirrifletti l-lingwi li n-nies fl-Ewropa jafu bħalissa. L-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż mhux biss huma l-lingwi ta' bosta Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, iżda huma wkoll il-lingwi barranin l-aktar magħrufa. Huma l-lingwi l-aktar studjati bħala lingwi barranin u l-lingwi li n-nies jemmnu li huma l-aktar utli biex wieħed jitgħallimhom. Il-ħtiġijiet reali tas-servizz għalhekk jidhru li huma riflessjoni raġonevoli tal-ħiliet lingwistiċi li l-kandidati jistgħu jkunu mistennija li jkollhom, partikolarment billi l-għarfien tal-lingwa fis-sens strett tiegħu (żbalji tal-grammatika, l-ortografija jew il-vokabolarju) mhumiex evalwati fit-testijiet tal-kompetenza. Li wieħed jillimita l-għażla tat-tieni lingwa għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż għalhekk ma jippreżentax ostaklu sproporzjonat għal persuni li jixtiequ jagħmlu l-kompetizzjonijiet. Tabilħaqq, skont l-informazzjoni disponibbli, dan jikkorrispondi mill-qrib ma' dak li n-nies huma mdrrijin bih u jistennew.

L-istatistika rilevanti tappoġġa l-konklużjoni li l-limitazzjoni tal-għażliet tat-tieni lingwa għal ċerti stadji tal-kompetizzjoni hija proporzjonata u mhux diskriminatorja. Pereżempju, l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż kienu l-aktar għażliet frekwenti meta l-kandidati ngħataw il-possibilità li jagħżlu t-tieni lingwa tagħhom minn fost il-11-il lingwa uffiċjali fil-kompetizzjonijiet ewlenin tal-ġeneralisti tal-EU-25 għall-amministraturi u l-assistenti fl-2005. L-istatistika għall-kompetizzjonijiet wara r-riforma tal-2010 ma turi l-ebda preġudizzju favur iċ-ċittadini tal-pajjiżi fejn l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż huma lingwi uffiċjali. U l-istatistika għas-sensiela ta' kompetizzjonijiet AD 2010 turi li numri sostanzjali ta' kandidati għadhom jagħżlu waħda mit-tlieta bħala t-tieni lingwa tagħhom.

Għall-istess raġunijiet, jidher raġonevoli li l-kandidati jintalbu jagħżlu waħda minn dawn it-tliet lingwi sabiex jikkomunikaw mal-EPPO u jimlew it-talent screener.

Għaldaqstant, biex jinkiseb bilanċ bejn l-interessi tas-servizz u l-abbiltajiet tal-kandidati, ċerti testijiet għandhom isiru f-numru limitat ta' lingwi tal-Unjoni Ewropea, kemm sabiex jiġi żgurat li l-kandidati li jirnexxu jkollhom għarfien adegwat ta' kombinazzjoni ta' lingwi li tippermettilhom li jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod effettiv kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati metodi tal-għażla bbażati fuq l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Billi l-avviżi u l-gwidi għall-kompetizzjonijiet huma ppubblikati fl-24 lingwa tal-Unjoni u billi l-kandidati jistgħu jagħmlu l-ewwel fażi tal-kompetizzjonijiet, li hija importanti, fi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa li jagħżlu bħala l-lingwa materna tagħhom, jidher li qed jinstab bilanċ ġust bejn l-interessi tas-servizz u l-prinċipju tal-multilingwiżmu u n-non-diskriminazzjoni skont il-lingwa.

Għażla ta' każ b'każ għandha għalhekk issir skont l-arranġamenti lingwistiċi adottati mill-Bord tat-Tmexxija tal-EPPO u l-ħtieġa speċifika tal-istituzzjonijiet li jkunu jistgħu jirreklutaw kandidati li jkunu operattivi immedjatament. Għalhekk, hemm żewġ każijiet ġenerali possibbli:

- L-ewwel nett, profili ġenerali jew speċifiċi fejn il-fattur ewlieni fl-għażla, minbarra l-kompetenzi ġenerali, huwa li wieħed ikun espert jew ikollu l-esperjenza f'qasam jew impjeg partikolari. Hawnhekk, ir-rekwiżit essenzjali huwa li wieħed ikun jista' jaħdem u jikkomunika f'kuntest multilingwi fejn il-ħtieġa li wieħed ikollu għarfien tal-lingwi l-aktar użati fl-istituzzjonijiet jiġġustifika li l-għażla tal-lingwi tal-Unjoni Ewropea fil-proċedura tal-għażla tiġi limitata.
- It-tieni, profili fejn l-għarfien ta' lingwa waħda jew aktar ikun ta' importanza partikolari, pereżempju lingwisti jew profili oħra fejn il-proċeduri tal-għażla jiġu organizzati skont il-lingwa. Hawn, minbarra evalwazzjoni tal-kompetenzi ġenerali kif indikat aktar 'il fuq fl-ewwel xenarju, testijiet oħra ta' kompetenzi speċifiċi għandhom jiġu organizzati fil-lingwa/i kkonċernata/i/

Ukoll meta jittieħed dan l-approċċ, kwalunkwe deċiżjoni li tillimita n-numru ta' lingwi fil-kompetizzjonijiet għandha tippermetti l-kunsiderazzjoni tal-kwistjoni fil-każ ta' kull kompetizzjoni individwali sabiex jiġu riflessi l-ħtieġijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-profil(i) kkonċernat(i).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT